MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 852/2001/1

**Ernest Tonna**

**vs**

**Manuel Cuschieri**
**Gino Cauchi**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi fis-27 ta' April u fl-4 ta' Mejju 2001 fi programm "Tajjeb Li Tkun Taf" trasmess minn Radju Super One fil-12.30pm u fis-1700 hrs rispettivament , ta' liema radju l-konvenut Cauchi huwa l-editur registrat, l-konvenut Cuscheri xandar kliem li jinsab traskritt fl-anness Dok A u B, li bihom gew

attribwiti fatti determinati li huma foloz u malafamanti fil-konfront tal-istanti bl-iskop li jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

Illi l-istanti, bhala l-parti malafamata u offiza ghandu d-dritt ghad-danni kontemplati fl-Art.28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu  ghaliex:

m’ghandux jigi ddikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-kliem imxandar fit-trasmissjonijiet surriferiti huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur li jesponuh ghad-disprezz u r- redikolu tal-pubbliku; u

m’ghanhomx jigu kkundannati fil-kwalita taghhom ta’ awtur u editur rispettivament, ihallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f’ammont li ma jeccedix hames telef lira (Lm5000) bhala danni ghall-malafama b’applikazzjoni tal-Art.28 tal-Ligi tal-Istampa;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Gino Cauchi fejn gie eccepit :-

Illi l-eccepjent ma kienx involut bl-ebda mod fid-diskors jew allegazzjonijiet li setghu saru kif jinghad fic-citazzjoni, lanqas ma kien jaf bid-diskors minn qabel;

Illi l-eccepjent ma ghamel ebda allegazzjoni kif indikat mill-attur fic-citazzjoni tieghu;.

Illi ghalhekk l-eccepjent ma setghax ikollu l-animus injuriandi mehtieg fil-ligi u konsegwentement ma llibellax lill-attur;

Illi ghal kull buon fini, lill-eccepjent ma jirrizultax li saru l-allegazzjonijiet kif riportati mill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Gino Cauchi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Manuel Cuschieri fejn gie eccepit :-

Illi l-kliem imxandar fit-trasmissjoni inkwistjoni mhuwiex libelluz fil-konfront ta’ l-attur;

Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-fatti imsemmija jikkonsistu f’rapurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku accettabbi f’socjeta demokratika, kemm taht il-ligijiet ta’ l-istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi in kwantu l-kliem imxandar jikkontjeni kummenti dawn jikkonsistu f’fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta’ interess pubbliku, accettabli f’socjeta demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Cuscheri debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur u lix-xhud minnu prodott u semghet ukoll lill-konvenut Cuschieri;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Novembru 2003 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Il-konvenuti fil-15 ta’ Dicembru 2004 permezz ta nota presentata fir-registru ta din il-Qorti ddikjaraw li l-valur tat-

talba tal-attur mhux izjed minn Lm5000 u ghalhekk ai termini tal-artikolu 34(2) tal-Att numru XI tal-2004 huma ghazlu li l-istess kawza tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati. Ghal ragunijiet ovvji din it-talba tal-konvenuti ma tistax tigi akkolta. Wahda minn dawn ir-raginijiet hi li din l-ghazla tal-konvenuti saret meta l-kawza kienet gia differita ghas-sentenza. B'dan il-mod il-Qorti qed tiddisponi mill-imsemmija nota tal-15 ta' Dicembru 2004;

L-attur jghamel referenza ghall-programmi li xxandru minn Radju Super One fis-27 ta' April 2001 u fl-4 ta' Mejju 2001 fis-sensiela ta' programmi "Tajjeb Li Tkun Taf." L-attur jippremetti li l-konvenut Cuschieri f'dawn il-programmi xandar kliem, li bihom gew attribwiti lilu fatti determinati li huma foloz u malafamanti u dana bl-iskop li jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku. L-attur jippremetti ukoll li, bhala l-parti offiza, ghandu d-dritt ghad-danni skond il-provedimenti tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta). L-attur jippretendi li huma responsabbli ghal dawn id-danni l-imsemmi konvenut Cuschieri kif ukoll il-konvenut l-iehot Cauchi, li fiz-zmien in kwestjoni kien l-editur registrat tal-istazzjoni tar-radju fuq indikat. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha saret din il-kawza;

Il-konvenut Gino Cauchi jeccepixxi li huwa bl-ebda mod ma kien involut fid-diskors jew kliem in kwestjoni, lanqas ma kien jaf bid-diskors minn qabel u huwa ma ghamel ebda allegazzjoni dwar l-attur. Ghalhekk huwa ma setghax ikollu l-animus injuriandi mehtieg fil-ligi. Fl-ahhar nett il-konvenut Cauchi jeccepixxi li lilu ma jirrizultax li saru l-allegazzjonijiet kif lamentati mill-attur;

Da parti tieghu l-konvenut Manuel Cuschieri jeccepixxi li l-kliem in kwestjoni mhux libelluz fil-konfront ta' l-attur. Jeccepixxi ukoll li il-fatti in kwestjoni huma rapurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku li hu accettabbi f'socjeta demokratika. Jeccepixxi ukoll li l-kliem in kwestjoni jikkonsistu f'fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u li huma accettabli f'socjeta demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

L-ilmenti tal-attur jirreferu ghall-imsemmija zewg programmi fejn l-awtur u l-presentatur tas-sensiela ta' programmi, l-konvenut Manuel Cuschieri, allega (fil-program tas-27 ta' April 2001) dwar traffikar tad-droga, li fil-Freeport hemm xi hadd maghruf hafna, bl-inizjali ES, li huwa mdahhal ukoll f'xi operazzjoni tat-traffiku tad-droga. Wara li xxandar l-imsemmi program il-Freeport bi staqarrija ddikjara li haddiema tieghu b'dawk l-inizjali kien hemm tlieta u dawn b'mod irresponabbli gew imcappsa intortament. Fix-xandira tal-4 ta' Mejju 2001 fl-istess sensiela ta' programmi, l-istess konvenut Cuschieri ghamel referenza ghall-imsemmija stqarrija u jirrefera ghall dak li kien qal dwar il-Freeport u persuni li qed jissemmew fit-traffiku tad-droga bl-inizjali ES. Il-konvenut Cuschieri f'dan ir-rigward qal fix-xandira li huwa seta' kien zbaljat ghar-rigward tal-inizjali u bi svista seta' qal inizali b'ohrajn. F'dan l-istadju l-konvenut Cuschieri semma l-attur b'ismu u qal li r-referenza riedet tkun ghall-attur li rrid isaqsih jekk ghandux konoxxenza ta' persuni li setghu kienu koinvolti fit-traffikar tad-drogi. Huwa qal ukoll li meta semma l-inizjali huwa ried jirreferi ghall-inizjali tal-attur;

Meta l-istess konvenut iddepona f'dawn il-proceduri huwa xehed li r-referenza ghall-attur kienet li ried isaqsih jekk huwa kellux il-konoxxenza ta' persuni, li kienu involuti fit-traffikar tad-drogi. Huwa qal li ried isaqsih jekk jafx bihom u jekk qattx tkellem maghhom.  F'dan ir-rigward jidher li kien hemm haddiem tal-Freeport li kien gie akkuzat b'reati konnessi mad-droga. Dawn id-domandi li l-konvenut jghid li ried isaqsi lill-attur ma jghamlux sens. Il-haddiem partikolari in kwestjoni kien jahdem fis-sezzjoni kapeggjata mill-attur u ghalhekk bil-fors li l-attur kellu l-konoxxenza ta' din il-persuna u li tkellem maghha diversi drabi. Dan zgur ma jwassalx li l-attur kien b'xi mod involut fit-traffikar tad-droga. Inoltre l-konvenut Cuschieri xehed li l-informazzjoni li kellu kienet li l-imsemmija persuna kienet persuna ta' fiducja tal-attur. Dan bl-ebda mod ma gie pruvat u lnqas dan il-fatt ma jwassal ghall-imsemija konkluzjoni;

Il-Qorti tikkonsidra li hemm ness bejn iz-zewg trasmissjonijiet. Dan in-ness jghamlu l-istess konvenut Cuschieri b'dak li qal fit-tieni program. Fl-ewwel programm l-akkuza hi cara u cioe' li fil-Freeport hemm xi hadd maghruf hafna, li huwa mdahhal fit-traffikar tad-droga. Fit-tieni xandira l-konvenut Cuschieri jghamel referenza ghall-imsemmija stqarrija tal-Freeport, jghamel referenza ukoll ghal dak li qal fl-ewwel trasmissjoni u ghall-persuni li qed jissemmew fit-traffiku tad-droga. Huwa jghid li kien zbaljat dwar l-inizjali li kien semma u qal car u tond li huwa kien qed jirreferi ghall-attur li semma b'ismu. B'hekk huwa car li l-konvenut allega li l-attur kien involut fit-traffiku tad-drogi. Fatt dan li zgur li ma jirrizultax pruvat;

Il-konvenut Cuschieri stess jammetti li bhala Security & Safety Manager, l-attur ghandu kariga sensittiva hafna fil-Freeport. Ghalhekk l-istess konvenut messu haseb aktar minn darba qabel ma ghamel l-allegazzjonijiet li ghamel fil-konfront tal-attur;

Fl-imsemmija kariga l-attur ghandu d-dmir li jiehu l-prekawzjonijiet kollha possibli biex mill-Freeport ma jsirx traffikar tad-drogi. Mentri l-konvenut Cuschieri allega li l-attur kien imdahhal f'xi operazzjoni tat-traffikar tad-droga. Bil-kliem li qal il-konvenut Cuscheri, l-attur seta sab ruhhu bla xoghol u seta gie investigat u eventwalment processa mill-Pulizija;

F'kawzi bhal presenti, u cioe' f'kawzi ta libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt, f'socjeta demokratika, li wiehed jghid u jesprimi ruhhu u jsemma l- opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta kull cittadin li jgawdi r-reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu dejjem f'socjeta demokratika. Dan gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna. (Vide Vincent Borg vs Victor Camilleri – Qorti tal-Appell Civili – 15 ta' Novembru 1994). Kull hadd ghandu jkollu l-liberta' li jghid dak li jhoss li ghandu jghid, pero' tali liberta' ma ghandha qatt twassal ghat-tnaqqis tar-reputazzjoni u tal-gieh ta' cittadini ohrajn l-aktar jekk jigu attribwiti atti li mhux veri. Appuntu gie ukoll ritenut li l-liberta' tal-espressjoni taqbez il-konfini bejn dak li huwa ragjonevoli u minflok issir ksur tad-drittijiet ta haddiehor

appuntu fejn l-espressjoni tkun bbazata fuq fatti mhux veri. (Vide Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja – Prim'Awla – 19 ta' Jannar 1996);.

Hawnhekk trid issir distinzjoni bejn "allegazzjoni ta' fatt" u "kumment". Meta ssir difiza li tirreferi ghal verita' tal-fatti, il-fatt ghandu jigi pruvat. Meta ssir difiza dwar kumment gust ghandha issir l-prova li dak il-kumment kien appuntu guast u mghamul in bona fede u tali kumment ma jista qatt ikun gust u in bona fede jekk il-fatti attribwiti ma jkunux veri.;

Dwar il-konvenut Gino Cauchi ma jirrizultax sufficjentement pruvat illi l-istess konvenut kien involut b'xi mod fl-allegazzjonijiet li saru u lanqas ma jirrizulta li l-istess konvenut kien jaf bid-diskors minn qabel. Lanqas ma jirrizulta li l-istess konvenut Cauchi b'xi mod immalafama l-attur. Ghalhekk t-talbiet attrici ma jirrizultawx sufficjentement pruvati fil-konfront tal-konvenut Cauchi.

Dwar il-konvenut Manuel Cuschieri jirrizulta sufficjentement li l-kliem li huwa xandar fit-trasmissjonijiet in kwistjoni hu libelluz fil-konfront ta' l-attur. Dan il-kliem zgur li ma jista jitqies bhala kumment gust, b'mod partikolari peress li hu bbazat fuq fatti li mhux veri. Minhabba f'hekk ukoll lanqas ma jista jinghad li l-fatti in kwestjoni jikkonsistu f'rapurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku accettabbi f'socjeta demokratika. Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut Cuschieri ma jistghu qatt jigu akkolti;

Jirrizulta sufficjentement pruvat li l-kliem imxandar fit-trasmissjonijiet in kwestjoni huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti fil-konfront tal-konvenut Cuschieri;

In vista tal-premess, tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, tar-risultanzi u in vista tal-fatt li l-attur ghandu kariga sensittiva hafna b'mod partikolari in relazzjoni mal-allegazzjonijiet li saru, l-ammont tad-danni ghandhom jigu

likwidati fis-somma ta’ elf u hames mitt liri maltin (Lm1500);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut Gino Cauchi u b’hekk tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenut Cauchi, u billi fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Manuel Cushieri u billi fit-tielet lok tilqa t-talbiet attrici biss fil-konfront tal-konvenut Cuschieri u tiddikjara li l-kliem imxandar fit-trasmissjonijiet surriferiti huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur li jesponuh ghad-disprezz u r- redikolu tal-pubbliku u tikkundanna l-konvenut Manuel Cuschieri fil-kwalita tieghu ta’ awtur u presentatur ihallas lill-attur is-somma ta’ elf u hames mitt liri maltin (Lm1500) in linea ta’ danni ghall-malafama u dana b’applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa;

Spejjes kontra l-konvenut Cuschieri bl-eccezzjoni tal-ispejjez relattivi ghall-konvenut Cauchi li ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------